**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Każ numru 26/2020 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Frankie Camilleri**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-akkużat Frankie Camilleri, imwieled Rabat Għawdex fis-16 ta' Marzu 1992, detentur tal-karta tal-identita' numru 17192G:

"*Talli nhar it-2 ta' Awwissu 2020, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) waqt li kien qiegħed fi Triq ir-Rebħa, Għajnsielem Għawdex u/jew fil-viċinanzi:*

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jordan Agius, hekk kif certifika Dott. Claude Borg M.D. Reg. No. 6068 u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
2. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Peter Paul Agius u dan bi ksur tal-artikoli 216, 216, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
3. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kkaġuna ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċioe mobile tal-għamla Samsung S10+, liema ħsara saret għad-dannu ta' Jordan Agius u/jew persuni oħra, li ma teċċedix aktar minn elfejn u ħamsin (sic) ħames mitt ewro*

*(€2500) iżda aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9.*

4. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew x' mod ieħor u dan ai termini tal-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9.*
5. *U anki talli rrenda ruħu reċidiv b' diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta/Għawdex) li huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.*

*Il-Qorti ġiet mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta ta' Peter Paul Agius u Jordan Agius sabiex tinżamm il bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti."*

**Rat** li din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Semgħet** il-provi prodotti;

**Rat** id-dokumenti ppreżentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

**Rat** il-verbal magħmul fl-4 ta' Marzu 2021;

**Rat** l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali u ċjoè l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 325(1)(b), 338(m), 49,50, 7(1)(2), 17, 31, 341, 382A(1)(2)(3), 383(1)(2)(3), 384, 385(1)(2)(3)(4), 386, 412C, 533(1)(2)(3)(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Rat** li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' bi proċedura sommarja;

**Semgħet** trattazzjoni;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

**L-Ispettur Bernard Spiteri** xehed li fit-2 ta' Awwissu 2020 għall-habta tal-ħamsa ta' filgħodu ġie infurmat li kien hemm ġlieda ż-Żewwieqa, l-Imġarr, Għawdex fejn weġġgħu Jordan Agius u Peter Paul Agius. Spjega li s-surġent infurmah li dawn kienu ġew aggrediti minn żewg persuni, u li wieħed minnhom kien Frankie Camilleri. Sostna li l-aggressjoni kienet allegatament seħħet bi fliexken tal-ħġieġ. Spjega li l-vittmi ttieħdu l-isptar u kien irriżulta li sofrew minn ġrieħi gravi. Spjega li ġew elevati xi filmati minn cameras ta' sigurtà u mill-camera tal-istabbiliment Sicilia Bella jidher għaddej Peter Paul Agius fejn dan ġie aggredit minn żewg persuni bl-idejn u bil-ponn f'wiċċu.

Spjega li xħin Peter Paul Agius spiċċa mal-art, dawn baqgħu jagħtuh mal-art. Spjega li wara tfittxija nstab l-imputat li għażel li ma jiffirmax l-istqarrija.

In kontroeżami, l-Ispettur insista li kemm Peter Paul Agius u kif ukoll l-imputat jintgħarfu minn fuq il-filmat anke minħabba li huwa jafhom. Xehed li kien hemm żewġ aggressuri f'din il-ġlieda. Meta rinfaċċat li mill-filmat l-ucuħ ma jintgħarfux, huwa spjega li huwa mexa fuq l-istatura tal-persuna u fuq dak li qal il-vittma.

**Peter Paul Agius** xehed li l-Ħadd kmieni filgħodu kien qiegħed l-Imġarr u Jordan kien miexi qablu. Spjega li huwa ra raġel jagħti lil Jordan bi flixkun. Qal li huwa kien qalilhom 'Uh' u imbagħad dar wieħed minn żewgt irġiel u tah daqqa ta' flixkun ġo għajnejh. Spjega li beda jagħtih bis-sieq. Huwa indika lill-imputat bħala din il-persuna. Spjega li dawn l-irġiel irħewh xħin semgħu lil xi ħadd jgħajjat li ġejjin il-pulizija. Imbagħad kompla jgħid li huwa mar ifittex lin-neputih Jordan iżda dawn iż-żewġ persuni reġgħu ġew għalih u tawh xebgħa anke bis-sieq. Spjega li huwa kellu jittieħed l-isptar b'ambulanza u kellhom jagħmlulu l-punti f'għajnejh. Ikkonferma li kien l-imputat li ta daqqa ta' flixkun lil widnejn Jordan. Huwa ddeskriva lil dawn iż-żewġ persuni li aggredewh bħala li kienu l-imputat u raġel ieħor goff b'xagħru isfar.

In kontroeżami, huwa spjega li dakinhar tal-incident kien qed jieħu drink man-neputi ġewwa Horatio's. Spjega li kienu ltaqgħu f'Marsalforn u imbagħad niżlu x-Xatt. Sostna li dakinhar tal-inċident kulma kien xorob xi erba' tazzi u li ma kienx ħa marijuana. Qal li huwa għandu wġigħ ġo rasu iżda dakinhar ma ħax marijuana. Sostna li huwa ma ġġilidx. Qal li ra lil wieħed jagħti lin-neputi u huwa qallu "Uh" u mbagħad ġie ieħor kbir li bid-daqqa tefgħu mal-art. Imbagħad ġie l-imputat li faqagħlu flixkun ġo għajnejh. Spjega li Jordan kien ħarab u mar ifittxu iżda dawn iż-żewġ persuni reġgħu ġew għalih u baqgħu jtuh. Sostna li l-ieħor żammlu idejh mal-art filwaqt li l-imputat beda jagħtih bis-sieq u kissirlu tliet sinniet. Spjega li meta ngħata d-daqqa f'għajnu bil-flixkun, il-flixkun ma nkisirx u għalhekk ma kienx hemm ħġieġ f'għajnu.

Huwa ċahad li kien sfida lill-imputat u lill-persuna l-oħra li ddeskriviha bħala ginger, għal glied. Spjega li huwa ma kellux xi ġlied Marsalforn iżda n-neputi forsi kellu. Ċahad li huwa ta lill-imputat b'ċavetta. Insista li huwa lanqas biss messu lill-imputat. Spjega li huwa rahom ġejjin għalih minn quddiemu fit-tieni okkażjoni. Mistoqsi kif ma ħarabx, xħin rahom ġejjin għal darb'oħra għalih, huwa sostna li ma ħasibx li kienu ser jerġgħu jaggreduh.

**Jordan Agius** xehed li huwa kien qiegħed ix-Xatt fit-2 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu meta f'daqqa waħda u għalxejn b' xejn huwa laqqat daqqa ta' flixkun ġo widnejh. Qal li beda ħiereġ id-demm u tant beża' li ħarab jiġri. Qal li mad-daqqa ma rax min kien tah id-daqqa, iżda mbagħad dar u rah. Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li tagħtu tali daqqa. Spjega li l-imputat jafu billi huwa jmur jieħu drink mill-bar tal-għarusa

tiegħu. Qal li huwa mar fejn l-għassa u wara ftit mexa fejn hemm ta' Gelluxa u ra lil zijuh mal-art. Qal li mbagħad ġiet l-ambulanza u mar l-isptar. Spjega li għamlulu 8 punti ġo widnejh. Xehed ukoll li f'dan l-inċident tkissirlu l-mobile tiegħu. Qal li dan inxtara minnu mill-Ingilterra madwar 1,199 liri sterlini. Sostna li huwa ra lill-imputat jitfa' l-mobile mal-art u jsabbtu tliet darbiet.

In kontroeżami, huwa sostna li waqt dan l-inċident, l-imputat kien waħdu. Ikkonferma li dakinhar stess kien involut f'xi ġlieda f'Marsalforn iżda f'dik il-ġlieda ma kienx sofra l-ebda ġrieħi. Huwa kkonferma li kien involut fi ġlieda f'Marsalforn. Huwa ċaħad li stieden lill-imputat għal ġlied dakinhar. Huwa spjega li d-daqqa ngħatatlu mill-imputat u li għadu ma jafx għal liema raġuni. Spjega li l-imputat ġie minn warajh. Spjega li l-flixkun kien miksur u kien aħdar. Spjega li huwa ħarab jiġri iżda meta ngħatat id-daqqa, huwa dar u ra lill-aggressur tiegħu kif ukoll lill-flixkun. Qal li kellu frak ta' ħġieġ f' widnejh. Qal li zijuh kien warajh. Spjega li huwa kien xorob ftit, u spjega li huwa ma ppejjipx marijuana.

**Lucy Teuma** għażlet li f'dak l-istadju ma tixhidx biex bl-ebda mod ma tinkrimina ruħha.

**Jonathan Mizzi** eżebixxa r-rapport ippreparat minnu fl-atti proċesswali.

**Dottor Marlene Attard** xehdet li hija eżaminat lil Peter Paul Agius kellu bżonn ta' punti fuq għajnu x-xellugija u kien ukoll tilef xi sinna filwaqt li kellu ġrieħi fuq irkopptejh. Sostniet li l-pazjent kien qed jilmenta fuq uġigħ fuq in-naħa tax-xellug ta' ġismu. Spjegat li mit-testijiet tad-demm, irriżulta li Agius kellu alkoħol fid-demm li kien ħafna iktar minn normal, u kien ta' 106 meta n-normal ikun sa 10. Spjegat li dan ġie anke pożittiv għal marijuana fl-urina. Spjegat li kellu frattura fl-għadam ta' mnieħru. Spjegat li kellu tbenġila madwar l-għajn. Spjegat li fejn saru l-punti, ma nstabux l-ebda traċċi ta' ħġieġ.

**PS 1040 John Grima** spjega li huwa kien involut fl-arrest tal-imputat.

**PC 382 Josef Cardona** xehed li huwa kien intalab jagħmel fixed point mal-ħġieġ li kien hemm quddiem il-Gleneagles. Spjega li dawn kienu jikkonsistu fi ħġieġ ta' żewġt ifliexken Heineken u tazza tal-ħġieġ. Qal li huwa għamel spezzjoni mal-akkwati fejn kienet tidher il-vettura tal-imputat u tat-tfajla tiegħu pparkjati quddiem il-Luzzu Bar. In kontroeżami, huwa spjega li kien biddel xi ħadd fixed point qablu. Spjega li huwa kien ħa xi ritratti bil-mobile tiegħu.

**PC 1153 Mark Cardona** xehed li huwa kien iċċekkja disa' cameras fl-Imġarr. Sostna li huwa mbagħad kien ta handover lill-uffiċjal ieħor. In kontroeżami, huwa spjega li huwa ra biss il-filmat mill-cameras ta' Southern Fried Chicken u minnu ra xi nies jaqsmu għall-għassa.

**Dr Franco Mercieca** xehed li huwa kien ra lil Peter Paul Agius fit-3 ta' Awwissu 2020. Spjega li ra grif fuq il-parti ta' fuq tal-wiċċ, fuq ix-xoffa, *swelling*

u anke tbenġil taħt ix-xoffa fuq in-naħa tax-xellug. Qal li kellu żewġ sinniet li kienu mkissrin u riedu jinqalgħu.

**Dr Michael Refalo** ppreżenta r-rapport ippreparat minnu. Spjega li fir-rigward ta' Peter Paul Agius dan sofra sfreġju permanenti fuq l-apparenza anke viżibbli aktar minn distanza normali meta wieħed qed jitkellem ma' persuna oħra. Fir-rigward ta' Jordan Agius, il-ġrieħi wkoll ħalliet effett permanenti fuq l-apparenza anke viżibbli wkoll . Dan sofra tiċrita f'widnejh.

**Dr Joseph Galea** xehed li huwa eżamina lil Frankie Camilleri li sofra girfa twila madwar żewġ ċentimetri taħt l-għajn tax-xellug, grif superfiċjali fir-raba' u fil-ħamsa subgħa tal-id tax-xellug, brix superfiċjali taħt iż-żewġ irkoppiet u brix fuq l-iscrotum.

**Dr Claude Borg** xehed li huwa kien ra lil Jordan Agius li kien qed isofri minn qasma mdaqqsa tul il-widna kollha. Spjega li kellu qasma ta' waħda mill-għadmiet ta' taħt il-widna. Spjega li dawn il-ġrieħi ġew ikklasifikati bħala serji. In kontroeżami, huwa spjega li jidhirlu li kien hemm biċċiet ta' ħġieġ fuq barra iżda ħġieġ fil-ġewwa tal-widna ma nstabux.

**PS 698 Shaun Joseph Tabone** xehed li huwa kien duty night watch meta rċieva telefonata li kien hemm ġlieda fil-port tal-Imġarr qrib it-taraġ li jagħti 'l fuq minn Gleneagles Bar. Spjega li xħin marru fuq il-post sabu lil Jordan Agius li kellu xi dmija u qatgħa f'għonqu u qrib widnejh. Spejga li sabu lil Peter Paul Agius mixħut mal-art wiċċu kollu tbenġil u dmija. Sostna li Peter Paul Agius spjegalu li kien hemm żewġ minn nies li bdew jagħtuh bil-ponn u bis-sieq ġo wiċċu. Ikkonferma li fuq il-post sabu flixkun tal-ħġieġ u ħġieġ mal-art.

In kontroeżami, huwa spjega li t-telefonata lill-Għassa tal-pulizija kienet saret minn Jordan Agius. Sostna li kien tħalla fixed point fejn kien hemm il-ħġieġ imkisser.

**Dr Matthew Valentino** xehed li huwa kien eżamina lil Frankie Camilleri u peress li ma kellux ksur, il-ġrieħi ġew ikklassifikati bħala ħfief.

**Diane Farrugia** eżebiet is-sentenza mogħtija fit-22 ta' Dicembru 2019 kontra Frankie Camilleri.

**L-imputat** għażel li jixhed. Huwa spjega li dakinhar tal-akkadut huwa kien l-Imġarr xogħol ġewwa bar li jismu l-Luzzu. Spjega li kien jaħdem mat-tfajla tiegħu Lucy. Spjega li daħlu ġol-bar Jordan Agius u Peter Paul Agius bejn is-sagħtejn u t-tlieta ta' filgħodu. Qal li nqala' argument bejniethom u bejn koppja li kien hemm fil-bar. Qal li huwa ma jafx min kienet din il-koppja. Sostna li dan l-argument kien wieħed verbali. Sostna li huwa mar qalilhom biex ma jaqilgħux problemi ġol-ħanut u talab lil Jordan u Peter Paul Agius biex joħorgu 'l barra. Spjega li dawn bdew jidgħu u jgħajtu iżda mbagħad telqu 'l barra. Spjega li l-ħanut ġie magħluq fl-erbgħa ta' filgħodu u huwa telaq

mat-tfajla tiegħu. Spjega li waqt li kienu mexjin, huwa raw argument għaddej ħdejn it-taraġ bejn l-istess kopja li kien hemm fil-bar u Jordan u Peter Paul Agius. Spjega li l-mara kienet minduda fl-art u Peter Paul Agius kien qed jiġġieled mar-raġel l-ieħor meta entrambi kienu mindudin mal-art. Spjega li Jordan kien bilwieqfa u kien qed jipprova jiġġieled ma' dan ir-raġel. Spjega li dan ir-raġel irnexxielu jqum u qam għal Jordan bil-konsegwenza li Jordan mar jiġri lejn in-naħa tat-terminal, filwaqt li beda jgħajjat li kien sejjer iġib pistola.

Spjega li hu u Lucia ppruvaw iqajmu lil din il-mara mill-art. Spjega li Peter Paul Agius qam u ġie jattakkahom. Qal li huwa mbuttah biex ma jiġix lejh. Ikkonferma li huwa mbuttah bis-saħħa gġaliex kellu ċavetta f'idjeh. Spjega li huwa tah daqqa f'wiċċu. Spjega li meta ġie mbuttat, Peter Paul Agius waqa' mal-art u mbagħad qal xi kliem u telaq. Spjega li ftit wara rritorna dak ir-raġel li kien mal-mara. Spjega li hu u dan ir-ragel marru għall-karozzi tagħhom mentri t-tfajla tiegħu u l-mara baqgħu jistennew hemmhekk. Spjega li xħin kienu mexjin, hu u dan ir-raġel jiltaqghu ma' Peter Paul Agius li kien mar fid-direzzjoni opposta ta' fejn kien telaq jiġri Jordan. Spjega li Peter Paul Agius reġa' attakkahom. Qal li f'dak il-ħin huwa ddefenda ruħu kif seta'. Qal li huwa mbuttah u xejjer idejh ukoll. Spjega li huwa ma kellu xejn f'idejh. Spjega li r-raġel l-ieħor kien iġġieled ukoll ma' Peter Paul Agius. Huwa ċaħad li huwa mess xi flixkun. Sostna li f'dawk l-akkwati hemm ħafna bars u għalhekk dejjem ikun hemm fliexken u tazzi mal-art. Huwa ppreżenta wkoll filmat ta' ġlieda oħra li saret f'Marsalforn ftit tal-hin qabel.

In kontroeżami, huwa sostna li kien imbeżżà' b'dak li ġara. Spjega li huwa ma qalx din il-verżjoni lill-pulizija a tempo vergine għaliex kien imbeżżà' għas-sigurtà tiegħu u tat-tfajla tiegħu. Huwa sostna li huwa baqa' ġol-karozza minkejja li kien imbeżżà' b'dak li ġara. Huwa sostna li mill-filmati eżebiti f' dawn l-atti, huwa kollox imċajpar qed jara.

**Dr Franklin Abela** xehed li huwa kien eżamina lill-imputat meta kien il-ħabs. Kellu xi grif f'imnieħru, f'saqajh, fl-irkoppa tax-xellug u grif fil-parti tiegħu. Kellu wkoll xi grif fuq xi swaba' ta' idejh. Huwa kkonferma li kien hemm ukoll xi grif taht l-għajn tax-xellug.

**Nicholas Xerri** xehed li huwa kellu argument ma' Jordan Agius gewwa Marsalforn. Spjega li huwa qed jagħraf liz-ziju ta' Jordan izda dak ma kienx attakkah. Spjega iżda li dan kien aggressiv hafna. Spjega li Jordan kien aggressiv anke fiżikament mentri Peter Paul Agius kien aggressiv verbalment. Huwa kkonferma l-kontenut tal-filmat li ġie muri. Qal li kemm hu u kemm ibnu ġew attakkati. In kontroeżami huwa spjega li fil-proċeduri li ttieħdu fir-rigward ta' din il-ġlieda, huwa qatt ma ntalab jitla' jixhed. Huwa kkonferma li l-filmat li ra ma ħadux hu. Spjega li huwa ma tax kas jekk Jordan Agius kienx sofra xi ġrieħi jew le. In rieżami, huwa spjega li Peter Paul u Jordan Agius kienu xurbana.

**Lucia Victorina Theuma** xehdet li hija l-partner tal-imputat. Spjegat li dakinhar kienet xogħol fil-bar tagħha flimkien mal-imputat. Kien hemm koppja ta' klijenti ġodda u daħlu Jordan u Peter Paul Agius li kienu storbjużi u abbużivi. Spjegat li wara ftit, Frankie kien talabhom biex jitilqu mill-bar. Spjegat li dawn kienu daħlu b' tazzi tal-plastik f'idejhom ġol-bar tagħha. Spjega li dawn bdew jiġġieldu ma' din il-koppja iżda imbagħad wara li kkalmahom l-imputat, Jordan u Peter Paul Agius telqu. Spjegat li huma komplew jaħdmu u xħin spiċċaw mix-xogħol, waqt li kienu mexjin semgħu ħafna għajjat u ġlied. Spjegat li rat lil dik il-koppja mal-art.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti li taw lok għall-Kawża</u>**

Jirriżulta mill-provi u ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan illi l-imputat kien involut, flimkien ma' persuna jew persuni oħrajn fi ġlieda ma' Peter Paul Agius u ma' Jordan Agius. Parti mill-ġlieda nqabdet fuq is-surveillance camera ta' Sicilia Bella, fejn il-filmat juri persuni jiġġieldu ma' Peter Paul Agius fil-viċinanza tar-restaurant. Mix-xhieda ta' Peter Paul Muscat u tal-imputat jirriżuta wkoll illi din il-ġlieda effettivament seħħet, għalkemm l-imputat jgħid illi l-istills tas-security mhumiex ċari biżżejjed biex hu jkun jista' jidentifika l-persuni li jidhru jiġġieldu fuq l-istess stills.

L-Ispettur Bernard Charles Spiteri xehed hekk rigward x'irriżulta minn dan il-filmat dwar din il-ġlieda:

> *"fuq il-cameras tal-istabbiliment Sicilia Bella li aħna ġbarna ġie l-aħħar parti tal-argument fejn jidher għaddej Peter Paul Agius fejn dan ġie aggredit minn żewġ persuni bl-idejn, dawn dak il-ħin tawh bl-idejn, bil-ponn f'wiċċu, u xħin niżżluh mal-art bid-daqqiet waqa mal-art u xħin waqa mal-art baqgħu ituh bis-sieq ukoll, ixxutjawh għal diversi drabi. Imbgħad baqa' hemmhekk mal-art sakemm eventwalment imbgħad qam waħdu. Irrid ngħid li dak il-ħin ukoll għaddiet persuna li wara ġiet identifikata bħala Lucy li tiġi l-għarusa tal-imputat ta' Frankie Camilleri, li din dehret tgħidlu xi kliem, biss pero' ma dehritx qed tħebb għalih."*

Ġie preżentat ukoll rapport ta' Jonathan Mizzi biex janalizza l-filmati tal-cameras tal-madwar:

> *"Tabella 1: Żewġ irġiel jidhru mexjin mal-ġemb tal-istabbiliment Sicilia Bella ġewwa l-Imġarr Għawdex. Fl-istess waqt raġel ieħor jidher miexi fuq il-parti ta' quddiem l-istess stabbiliment. Xħin dawn il-persuni jiġu wiċċ imb'wiċċ iż-żewġ irġiel li kienu flimkien jidhru jidħlu f'argument mar-raġel l-ieħor li fil-filmati jidher li kellu xagħru twil u liebes flokk bajdani. Mill-filmati jidher li waqt li wieħed miż-żewġ irġiel jibda jagħti bil-ponn lir-raġel li kellu xagħru twil u flokk bajdani, fl-istess ħin ir-raġel l-ieħor jidher jagħti bis-sieq lill-istess persuna li mill-filmati, minħabba d-daqqiet li kien qed jaqla jidher jispiċċa mal-art. Fil-filmati tidher ukoll mara fejn din tidher tipprova twaqqaf il-ġlieda bejn it-tlett irġiel."*

Dwar il-ġlieda li seħħet xi ftit minuti qabel — l-ewwel ġlieda, il-verżjonijiet tal-vittmi fuq naħa waħda u tal-imputat u t-tfajla tiegħu fuq in-naħa l-oħra ma humiex jaqblu.

Il-Current Incident Report jagħti l-ewwel verżjoni a tempo vergine tal-vittmi kif irraportata lill-pulizija:

*"Illum 2 ta Awwissu għal ħabta tal-05:00hrs daħlet telefonata l-Għassa r-Rabat minn persuna anonima fejn irraporta li kienet għadha kemm seħħet ġlieda fil-port tal-Imġarr, qrib it-taraġ li jagħti 'l fuq mill Gleneagles Bar. ...instab ċertu AGIUS JORDAN -ID Card 0002896G li kellu dmija u qatgħa f'għonqu w qrib widnejh. Meta ġie mitkellem, Agius qal li kien hemm persuna b'isem ta' Frankie li mexa warajh u malli kien tielgħa t-taraġ li jagħti minn quddiem il-Gleneagles Bar għal triq l-ewlenija, dan kisser flixkun tal-ħġieġ u beda jagħtih ġo għonqu bih. Aktar minn hekk huwa stqarr li wara l-ġlieda kien hemm ċertu Lucy u qaltlu li jekk l-għarus tagħha ċertu Frankie kien ser jeħel il-ħabs ħabba fih kienu ser ipattuwielu......ġie stabbilit li fil-kumpanija tiegħu kien hemm żijuh, AGIUS PETER PAUL – ID Card 0022377G li nstab mixħut mal-art, wiċċu kollu tbenġil u dmija. Filfatt, huwa qudiem ix-xatt, metri il-bogħod minn fejn seħħet il-ġlieda. Agius Peter qal li huwa kien man-neputi tiegħu ħa jaqbdu t-taraġ u f'daqqa waħda sab ruħu fl-art u tnejn minn nies bdew jagħtuh kemm jifilħu bis-sieq ġo wiċċu....mill-istħarriġ li sar fuq il-post irriżulta li wieħed mill-aggressuri huwa CAMILLERI, FRANKI – ID Card: 0017192G..."*

Dwar l-ewwel kollutazzjoni bejn Peter Paul Agius u Jordan Agius min-naħa l-waħda u l-imputat u persuna oħra min-naħa l-oħra, Peter Paul Agius xehed illi l-ewwel li safa attakkat kien Jordan Agius li ntlaqat bi flixkun aħdar tal-Heineken mill-imputat. Jordan Agius ħarab jiġri, u sussegwentament Peter Paul Agius safa attakkat mill-persuna l-oħra li kienet mal-imputat, u wara ġie wkoll l-imputat u tah daqqa ta' flixkun u daqqiet bis-sieq:

*"U Jordan miexi qabli u f'daqqa u l-ħin nara lil - .....U nara wieħed jagħmillu hekk bil-flixkun u jien kulma għamiltilhom, "Uh! Uh!" U dar wieħed fuqi u waqajna fl-art u ġie l-ieħor, tani daqqa bil-flixkun hekk ġo għajnejja......hekk daħlu u beda jtini bis-sieq hekk..."*

Jordan Agius xehed illi huwa laqqat daqqa ta' flixkun miksur mingħand l-imputat Frankie Camilleri fit-taraġ maġenb il-Gleneagles Bar, Għajnsielem Għawdex:

*"Konna qed nieħdu drink il-Horatio's u għidna biex immorru nieħdu drink tal-aħħar u mxejna fejn hemm il-Gleneagles, hemm it-tarġiet hemmhekk, u out of the blue, I got daqqa bil-flixkun ġo widnejja u dak il-mument kien ħiereġ id-demm and I was scared and I started running..."*

Hu identifika lill-imputat bħala l-persuna li tatu d-daqqa. Għalkemm Jordan jgħid illi ma rax lill-imputat malli tah id-daqqa, hu prontament dar

u rah maġenbu. Skont l-istess Jordan Agius, l-imputat kissirlu l-mobile phone tiegħu Samsung S10+ li kien xtrah mill-Ingilterra:

*"Wara li tani bil-flixkun u ġrejt, il-mobile naħseb waqa' jew qabdu u narah jitfgħu mal-art, isabbtu mal-art, tlett darbiet".*

Waqt il-kontroeżami, Jordan Agius ikkonferma illi hu kien attakkat unikament minn Frankie Camilleri, għalkemm jikkonferma illi ma' Frankie Camilleri kien hemm raġel ieħor li kienu rawh preċedentament fil-bar Horatio's.

Min-naħa tiegħu, Frankie Camilleri, fit-22 ta' Frar 2022 xehed li fl-istess lejl, ftit qabel l-inċident, hu kien keċċa lil Peter Paul Agius u lil Jordan Agius mill-istabbiliment tat-tfajla tiegħu Il-Luzzu, wara li kien inqala' battibekk bejn l-istess Peter Paul u Jordan Agius u koppja oħra li kienu fil-bar il-Luzzu, u li sussegwentament kienet preżenti waqt il-ġlied li nqala' ma' Agius. Hu xehed illi wara li hu u t-tfajla tiegħu għalqu l-istabbiliment għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu u waqt li kienu sejrin għall-karozza li kienet ipparkjata fi triq ir-Rebħa, taħt triq ix-Xatt, Għajnsielem, inzertaw għaddew minn ħdejn il-koppja li preċedentament kienet fl-istabbiliment tagħhom fejn ir-raġel kien f'konfront ma' Jordan u Peter Paul Agius, viċin il-Gleneagles Bar, maġenb it-taraġ li minn isfel tal-Gleneagles fi triq ir-Rebħa iwassal sa Triq ix-Xatt.

L-imputat xehed illi hu ma kien involut bl-ebda mod fil-ġlieda ma' Jordan Agius, iżda li kien Jordan Agius li pprova jiġġieled mar-raġel l-ieħor, li imbgħad inqala' minn fuq Peter Paul Agius u mar jiġri wara Jordan Agius li ħarab. Dwar l-ewwel konfront fiżiku ma' Peter Paul Agius, hu xehed illi Peter Paul Agius mar jattakkah b'ċavetta, u li l-imputat imbgħad imbuttah bis-saħħa. L-imputat allega li l-mara kienet mimduda fl-art kif titla' mit-taraġ, waqt illi r-raġel li kien magħha kien jiġġieled ma' Peter Paul Agius:

*"Ir-raġel kien qiegħed jiġġieled ma' Peter Paul u Jordan kien qiegħed jipprova jiġġieled miegħu....huma kienu mimdudin fl-art u Jordan bilwieqfa jipprova jiġġieled mar-raġel.....ir-raġel prova jqum għal Jordan wara ftit tal-ħin....imbgħad mar jiġri wara Jordan.....Jordan mar jiġri lejn in-naħa tat-terminal tista' tgħid....u hu kien qiegħed jgħajjat, "I am going to get a gun! I am going to get a gun!"*

Imbgħad l-imputat u Lucia marru jgħinu lill-mara li kienet mar-raġel, tqum, u skont l-imputat, Peter Paul Agius mar jattakkahom:

*"Ix-Xhud: Jiena qgħadt bejn Peter Paul u bejn in-nisa....Imbuttajtu biex ma jiġix lejn.......Imbuttajtu bis-saħħa....u hu u ġej lejja kellu xi ħaġa f'idejh, ċavetta....għandi daqqa li għadha immarkata, tista' taraha sal-lum taħt għajnejja. Li kieku kienet żewġ millimetri 'il fuq kien jifqagħli għajnejja..."*

Sussegwentement, skont l-istess imputat, Peter Paul Agius waqa' fl-art. Ġie skambjat ċertu kliem bejniethom u mbagħad telaq. Eventwalment, reġa'

ġie lura r-raġel li kien mal-mara. L-imputat xehed illi hu ma kienx jaf x'sar minn Jordan. U wara, l-imputat u dan ir-raġel marru jġibu l-karozza ta' din il-koppja, waqt illi l-mara ta' din il-koppja u t-tfajla tal-imputat baqgħu jistennew fejn seħħet l-ewwel ġlieda. L-imputat sostna li huwa u r-raġel niżlu mit-triq li minn triq ir-Rebħa twassal għal triq Martino Garces fejn reġgħu ltaqgħu ma' Peter Paul Agius:

*"Ix-xhud: Aħna u sejrin 'il isfel nerġgħu niltaqgħu xħin naslu fil-kantuniera tat-triq, niltaqgħu ma' Peter Paul.*

*Dr Alfred Abela: Tiltaqgħu ma' Peter Paul....mela intom inżiltu in it-triq u ltqajtu ma' Peter Paul....*

*Ix-xhud: hemmhekk huwa reġa' ġie biex jattakkana...iddifendejt ruħi kif stajt...ma ħallejtux jiġi qribi eh. Dan reġa' ġie biex jiġġieled...imbuttajtu u xejjirt idejja ukoll bħalma xejjirhom hu.*

*Il-Qorti: U kellek xi ħaġa f'idejk inti?*

*Ix-xhud: Le, ma kelli xejn f'idejja.....jiġifieri pruvajt inżommu distanza minni kemm nista', jien ma ridtux li jerġa' jiġi u jolqotni b'xi ħaġa f'wiċċi jew – "*

B'referenza għax-xhieda tal-allegati vittmi, intqal:

*"Dr Alfred Abela: Saru referenza għal xi flixkun, kissirtu xi flixkun jew aħjar kissirx xi flixkun u hekk.*

*Ix-xhud: Jena ma missejtx fliexken b'idejja"*

Il-Qorti kkonfrontat din il-verjoni max-xhieda li tat Lucia Theuma, is-sieħba tal-imputat, li kienet miegħu waqt l-ewwel ġlieda fejn irriżulta li hemm diskrepanzi notevoli.

(i) Fix-xhieda tagħha, hi ukoll xehdet illi kienu sejrin għall-karozza xħin iltaqgħu ma' Jordan u Peter Paul Agius jiġġieldu mar-raġel li preċedentament kien fl-istabbiliment tagħha. Infatti, hi qalet: "*We were leaving and as we were leaving to go to the car, there is an alleyway as you go up, and we could hear echoing, shouting and screaming, so we were walking up to go to the car and we see the couple the lady on the floor and then the man on the floor as well, they were fighting and we heard them shouting."*

Madanakollu, hija kkontradixxiet lill-imputat għaliex xehdet illi hi u l-imputat kellhom żewġ karozzi, u ma kinux b'karozza waħda. Xehdet ukoll li l-vettura tal-imputat kienet ipparkjata fil-front maġenb l-istabbiliment Il-Luzzu, waqt illi tagħha kienet ipparkjata fil-car park qrib il-garages tas-sajjieda u lejn Horatio's:
*"my car you have to walk towards Horatio where there is a car park and there are garages, fishermen's garages are, that is the direction I was going for the car. Frankie's direction, his car was going with the guy he was with, which we had to*

*go past down to the main road and go left, as if you go into where all the boats are parked in Imgarr down by there....yes, I had separate cars, yes...”*

Fil-kontroeżami mistoqsija mill-Qorti:

*“The Court: So let’s continue. Can you explain where the cars were parked?*

*The witness: My car was in the direction if you head towards Horatio’s near the fisherman’s garages.*

*Advocate Dr. Damian Bigeni: Okay. And Frankie’s car?*

*The witness: Near the boats in the main street at Mgarr.”*

Irriżulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni illi l-vetturi tal-imputat u ta’ Lucia Theuma, sigħat wara li seħħ il-ġlied, instabu pparkjati mill-pulizija faċċata ta’ Il-Luzzu.

Fil-fatt, PC 382 Josef Cardona xehed illi *“Fit-tnejn (2) ta’ Awwissu ċempluli filgħodu biex qabel il-watch immur nagħmel fixed point mal-ħġieġ li kien hemm quddiem il-Gleneagles. Dawn kienu eżatt quddiem l-entratura tal-Gleneagles fejn kienu jikkonsistu f’żewġt ifliexken tal-Heineken u tazza tal-ħġieġ. Minn hemm ġbarthom fuq struzzjonijiet tal-Ispettur u* ***wara g□amilt spezzjoni mal-akkwati fejn kienu jidhru l-vettura ta’ Frank u tat-tfajla tieg□u ipparkjati quddiem il-Luzzu Bar....”*** (enfażi miżjud minn din il-Qorti)

Il-Qorti tħoss illi anki jekk għall-grazzja tal-argument il-karozza kienet ipparkjata ħdejn Horatio’s, il-perkors tal-imputat u ta’ Lucia Theuma biex jaslu sal-karozza ma kienx jeħodhom mill-inħawi tal-Gleneagles. U għalhekk hu evidenti illi l-imputat daħal għal din il-ġlieda bi xjenza, u konsapevolezza, u mhux għax inzerta hemm waqt illi l-ġlieda kienet diġa għaddejja, u daħal fiha kontra qalbu jew intortament.

Dan kollu jnissel dubbji serji dwar il-veraċità tax-xhieda tal-imputat u ta’ Lucia Theuma, u dwar il-ħtieġa reali illi huma kellhom biex mill-istabbiliment tagħhom imorru għall-akkwati tan-naħa ta’ wara tal-Gleneagles. Minn kif jirriżulta lill-Qorti, ma rnexxilhomx iressqu prova konvinċenti li huma marru hemm biex jiġbru l-vettura tagħhom, li ċertament fil-każ ta’ Frankie Camilleri kienet ipparkjata quddiem il-ħanut Il-Luzzu!

(ii) Lucia xehdet illi rat lill-imputat jimbotta lil Jordan Agius. Infatti, din kienet l-ewwel ħaġa li ratu jagħmel xħin kienu ħdejn il-Gleneagles - *“Frank pushed Jordan off.....and then I went to the woman to.....and to see what was wrong because she seemed to be she has been hurt. Frank then came back over to me and told me “do not get involved, stay to the side.” Jordan went off running, shouting he is going to get a gun. He is going to get his dad and he is*

*going to get a gun.....so then the guy got up off Peter Paul and Peter Paul got up from the ground and went towards Frank, and he had something in his hand. I could not see what it was, but he had something and he hit Frank and Frank had a cut along his eye. And then the guy went after Jordan and then he came back. And he asked Frank, "Could you please go with me to get the car...." I stayed there a couple of eight, ten fifteen minutes. Not long after Frank came back with the guy and said to Peter Paul if attacked him and if they had another fight. And that is started from there. Then he told me, "go in the car, take the woman, we need to go now as well because it is not safe because he is shouting he is going to get a gun..."*

(iii) La mix-xhieda ta' Frankie Camilleri u lanqas ta' Lucia Theuma ma jirriżulta illi r-raġel l-ieħor f'xi ħin laqat jew ħebb għal Jordan Agius. Dawn xehdu illi r-raġel l-ieħor ġera wara Jordan Agius. Ħadd minnhom ma qal illi l-parte civile sfaw attakkati bi fliexken ta' ħġieġ mir-raġel li ma ġiex identifikat. Madanakollu, miċ-ċertifikati mediċi ppreżentati, irriżulta li kien hemm ġrieħi sofferti mill-vittmi.

Dwar liema verżjoni sejra temmen il-Qorti, hux tal-imputat, inkella tal-allegati vittmi, l-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara**, Qorti tal- Appell Kriminali, deċiża fid-9 ta' Settembru 2002 fejn spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti. F'din is-sentenza, ingħad li f'każijiet bħal dawn, jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja."*

Illi allura meta ma ikunx hemm prova oħra la diretta u lanqas ċirkostanzjali li jistgħu jitfgħu xi dawl fuq l-akkadut, għandhom rwol riżoluttiv il-kredibilità u l-attendibiliità ta' xhieda għas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilità u attendibilità f'dawn it-tip ta' kawżi ħafna drabi toħroġ mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-depożizzjoni tagħha. Ix-xhieda tal-imputat u ta' Lucia Theuma ma jikkonvinċux lill-Qorti li kienu jgħidu l-verità. Il-fatt illi l-vetturi tagħhom instabu mill-pulizija t-tnejn ipparkjati quddiem il-Luzzu bar jikkontradixxi dak li xehdu l-imputat u l-

partner tiegħu. Barra minn dan, jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-filmat tas-surveillance camera ta' Sicilia Bella illi l-imputat flimkien ma' persuna oħra kien qiegħed jaggredixxi lil Peter Paul Agius bl-aktar mod vjolenti, u kienu qegħdin ituh bil-ponn u bis-sieq sakemm, u anki, wara li waqa' mal-art.

Nonostante dan, il-filmati ezebiti juri biss it-tieni parti tal-kollutazzjoni bejn Peter Paul Agius, l-imputat u t-terza persuna maskili. Fl-ebda hin f' dan il-filmat, ma jidhru xi fliexken li gew utilizzati waqt li kien qed jigi attakkat Peter Paul Agius. Din il-Qorti tirribadixxi li nonostante l-inkonsistenzi sottolinjati iktar 'il fuq fix-xhieda moghtija mill-imputat u Lucia Theuma, jibqa' l-fatt li l-oneru tal-prova huwa kollu fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Il-Prosekuzzjoni strahet fuq il-filmati ezebiti u fix-xhieda moghtija minn Jordan Agius u Peter Paul Agius. Madanakollu, din il-Qorti, ghalkemm hemm partijiet fix-xhieda tal-allegati vittmi li tqis li gew ikkorraborati mill-provi migbura, hemm certu nuqqasijiet da parti tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni li ma jwasslux lil din il-Qorti li tikkonkludi li tressqu provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li Peter Paul Agius sofra minn griehi gravissimi u li ghandu japplika l-aggravvju ta' l-artikolu 217 tal-Kap 9 fil-konfront ta' Jordan Agius. Fuq dan din il-Qorti sejra tispjega iktar f' dettal iktar 'l isfel f' din is-sentenza.

Id-difiża qajmet diversi argumenti fit-trattazzjoni finali tagħha. Ġie sottomess illi peress illi kienu parteċipi fil-ġlieda aktar minn żewġ persuni, ma setax jiġi determinat min ikkaġuna l-ġrieħi fuq l-allegati vittmi, u għaldaqstant, l-akkużi messhom ħarġu taħt artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali u mhux taħt artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-istess Kodiċi. Din il-Qorti iżda sejra tiskarta dan l-argument. Dana peress li l-vittmi identifikaw fix-xhieda tagħhom il-persuna li kienet ikkaġunatilhom il-ġriehi li sofrew.

Il-Qorti tagħmilha ċara li dan l-inċident ma jirrafigurax f'"offesa in rissa" inkorporat fl-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti għandha każ quddiemha fejn kemm Jordan Agius kif ukoll Peter Paul Agius jaffermaw illi kien l-imputat illi tahom id-daqqa li fir-rigward ta' Peter Paul Agius sfreġjatlu lil wiċċu u fir-rigward ta' Jordan Agius ikkagunatlu marka permanenti fuq widintu u anke ksur ta' ghadma fl-istess widna. Kif già ngħadd, fil-każ ta' Jordan Agius, ma jidhirx li huwa f'xi stadju safa attakkat mill-persuna l-oħra li kienet involuta fil-ġlied u li għadha ma ġietx identifikata. Infatti, Peter Paul Agius xehed illi hu ra lill-imputat jattakka lil Jordan Agius bil-flixkun. Jordan Agius xehed illi hu ħass id-daqqa tal-flixkun fuq widintu, u xħin ħares lura ra lil min tah id-daqqa u identifikah bħala li kien l-imputat.

Rigward l-ġrieħi li sofra Peter Paul Agius, dan xehed illi l-ewwel mar fuqu u attakkah il-persuna l-oħra li kienet involuta fil-ġlieda, u xħin l-imputat

ħeles minn Jordan Agius, u dan tal-aħħar ħarab, l-imputat dar fuqu u faqagħlu wiċċu bi flixkun. Huwa minnu li eventwalment skont l-istess Peter Paul Agius u skont anki l-filmati tas-surveillance cameras ta' Sicilia Bella, huwa qala' daqqiet bil-ponn u bis-sieq, u reġgħu sussegwentament tawh bil-ponn u bis-sieq. Madanakollu, joħroġ ċar mix-xhieda ta' Peter Paul Agius illi kien l-imputat li tah id-daqqa f' wiccu.

Id-difiża allegat ukoll li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, inbeda minħabba l-atteġġjament ta' theddid da parti ta' Peter Paul Agius. Ġie argumentat li l-ġlieda nbdiet minn Peter Paul Agius wara li Jordan Agius kien ħarab minn fuq il-post tal-ewwel kollutazzjoni, u skont l-imputat, Peter Paul Agius attakkah b'ċavetta f'idu u laqatlu taħt għajnu biha. Għalkemm Peter Paul Agius jiċħad illi hu kellu ċavetta, huwa stat ta' fatt illi l-imputat effettivament veru kellu ferita żgħira taħt għajnu tax-xellug, liema ferita ġiet innotata kemm minn Dr. Joseph Galea li ra lill-imputat fit-2 ta' Awwissu 2020 filgħaxija, kif ukoll mit-tabib Dr Franklin Abela li rah fl-4 ta' Awwissu 2020 fil-ħabs (immarkata fuq document FA), u mill-pulizija li ħadu l-istqarrija tal-imputat wara li dan kien ġie arrestat fit-2 ta' Awwissu 2020. Miċ-ċertifikat ta' Dr. Joseph Galea, jirriżulta li l-feriti li soffra l-imputat kienu ta' natura ħfief. L-imputat kien ġie invistat, ukoll fit-2 ta' Awwissu 2020 mit-tabib Matthew Valentino, li ma nnotax il-ferita taħt għajn l-imputat, imma sab feriti oħra konduċibbli għall-ġlieda li seħħet ftit ħin qabel.

Fix-xhieda illi l-imputat Frankie Camilleri ta waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022, hu spjega li hu u t-tfajla tiegħu telqu mill-istabbiliment tat-tfajla u telgħu mal-isqaq maġenb il-ħanut biex ġew ħdejn it-taraġ fejn seħħet l-ewwel ġlieda. Hu xehed illi kien sejjer għall-karozza li skont hu kienet ipparkjata fi triq ir-Rebħa, ftit metri 'l bogħod minn fejn seħħet l-ewwel ġlieda. Hu saħansitra mmarka fejn allegatament kienet il-karozza fuq document AB1 bl-ittra B.  Allega wkoll illi Lucia kienet miegħu u ma kellhiex karozza oħra.

Waqt l-eżami, f'seduta tal-15 ta' Marzu 2022, Lucia Victorina Theuma tikkorrabora din il-verżjoni *"we were leaving and as we were leaving to go to the car, there is an alleyway as you go up, and we could hear echoing, shouting and screaming, so we were walking up to go to the car and we see the couple the lady on the floor and then the man on the floor as well, they were fighting and we heard them shouting...".*

Però Lucia xehedet mod ieħor, fil-kontroeżami u qalet illi *"My car was in the direction if you head towards Horatio's, near the fisherman's garages (and Frankie' car) near the boats in the main street at Mgarr".*

PC 382 Josef Cardona xehed illi nhar it-2 ta' Awwissu 2020 filgħodu, il-vetturi tal-imputat u ta' Lucia Theuma kienu pparkjati quddiem il-ħanut Il-Luzzu Bar:

*"wara għamilt spezzjoni mal-akkwati fejn kienu jidhru l-vettura ta' Frank u tat-tfajla tiegħu ipparkjati quddiem il-Luzzu Bar..."*

Jidher evidenti illi l-imputat ma hux jgħid il-verità dwar fejn kienet ipparkjata l-vettura tiegħu, biex hu u Lucia Theuma jiġġustifikaw kif sabu rwieħhom fejn seħħet l-ewwel ġlieda li fiha il-vittmi Jordan Agius u Peter Paul Agius sfaw midruba.

In-nuqqas ta' kredibilità tal-imputat u tat-tfajla tiegħu f'ħaġa li apparentament hija tant insinjifikanti qed jkun osservat biss u purament peress illi minn dan il-fatt jirriżulta illi l-presenza tal-imputat u ta' Lucia ma kinitx aċċidentali, imma illi dawn marru wara il-Gleneagles ifittxu l-inkwiet u l-ġlied ma' Jordan u Peter Paul Agius.

Illi dwar il-leġittima difesa, din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro**, deċiża fis-26 ta' Awwissu 1998, intqal li:

> *"Mhux kull minnn "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-"bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli."*

Fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014, ingħad:

> *"L-imputat eċċepixxa id-difiża ta' self defence għar-rigward din l-akkuża. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun intlaħqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiża iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid: "Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed nnifsu jew ta' ħaddieħor."*
>
> *Dan il-kliem huwa ċar ħafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispeċifika l-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima. Jiġi rilevat minnufih li d-dritt għal leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Micallef**' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-liġi li tiskuża lil min jikkaġuna offiża lil persuna oħra in difesa tal-proprjeta tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skużabbli, għandha tiżvolġi ruħha dak il-mument stess li tkun qed tiġi nvaża l-proprjeta u in difesa attwali tagħha."*

*F'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w għoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) ġie ritenut li:*

*"occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-liġi tagħna pero' timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun inġust, gravi w inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża fil-ħajja, fil-ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri, il-perikolu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, għax dan jista' jagħti każ biss għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut ċioe' li f'dak il-mument li kien qed iseħħ, ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor.*

*Għandu jiġi applikat t-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'setgħa għamel jew x'messu għamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Filfatt il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu tal-liġi penali jgħid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-għoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Joseph Psaila'*** *jingħad li: "Id-dritt għall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun inġust, gravi w inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri il-perikolu għandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali jiġifieri ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista jagħti lok biss għal provokazzjoni*

*u mhux difesa leġittima. Il-perikolu irid ikun assolut ċioe' li f'dak il-mument li qed jseħħ ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor."*

Illi minn dawn l-insenjamenti, jemerġi li d-difiża trid tkun saret sabiex jiġu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruħhom, jikkaġunaw ħsara irreparabbli lill-imputat. L-imputat irid jipprova li dak li għamel, għamlu biex jevita l-perikolu li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, jew ta' xi perikolu li jista' jseħħ aktar tard, għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni, u mhux difiża leġittima. Il-perikolu jrid ikun ukoll assolut, ċjoè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ, ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Inoltre, l-element ta' inevitabilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet, (meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat), imur jaffrontah.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fis-sentenza mogħtija fil-kawża, **Repubblika ta' Malta vs Martina Galea,** fl-14 ta' Jannar 1986, intqal li:

*"…huwa appena neċessarju jingħad li rekwiżit indispensabbli għad-diriment tal-leġittima difiża hija l-inevitabbilita', meta l-akkużat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistgħux nitkellmu dwar leġittima difiża jekk l-akkużat "would not escape though he could".*

Huwa akkolt fid-dottrina tagħna illi sabiex tkun ta' suċċess il-linja difensjonali tal-leġittima difiża, jeħtieġ li jirriżultaw flimkien is-segwenti tlett elementi, jiġifieri li jkun hemm perikolu attwali u assolut li jkun (1) inġust; (2) gravi u (3) inevitabbli.

Stabbilit li jkunu jeżistu dawn il-minaċji, jeħtieġ imbagħad li jkun eżaminat il-proporzjonalità bejn dik l-allegata aggressjoni da parti tal-parte civile u r-rejazzjoni tal-persuna minaċċjata — l-imputat.

Issa minn dak li rat il-Qorti, almenu fit-tieni okkażjoni, l-imputat rreaġixxa għall-allegat attakk daparti tal-parte civile, b'Peter Paul Agius jaqla' daqqiet b'mod sfrenat mill-imputat u raġel ieħor sakemm l-aggressuri deherilhom li kienu għamlu biżżejjed. Minn hemm, jidhru fi kliem tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Il-Pulizija Vs Aleksander Marinkovich deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019 "*hierġin, kif jgħidu bl-ilsien Taljan, a loro agio qishom rebħu xi battalja tal-gladjaturi. Altru che hawn si tratta ta' leġittima difeża għaliex l-ebda wieħed mill-elementi hawn fuq indikati ma jippresta raġuni li jkun investigat".*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li mill-provi prodotti, tali difiża tirnexxi. Minn dak li semgħet bħala provi, din il-Qorti tqis li l-versjoni tal-imputat dwar x'seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020 ma tantx tista' titwemmen. Lanqas jista' jitwemmen li f'xi mument kien beżgħan għall-inkolumità tiegħu, ta' Luċia Theuma u saħansitra tat-tifla tagħhom. F'ċertu punt jgħid illi meta sema' lil Jordan Agius jhedded li sejjer iġib *gun*, beża' għalih, għal

Lucia u għat-tifla tagħhom. Anki hawnhekk, l-imputat ma għandux raġun illi jiġġustifika li nfexx f'Peter Paul Agius għax ħassu mhedded minn Jordan Agius!

Inoltre jirriżulta illi wara l-ewwel ġlieda , l-imputat u r-raġel l-ieħor involut fil-ġlied reġgħu ltaqgħu ma' Peter Paul Agius ħdejn Sicilia Bella, u hemmhekk ukoll reggħu ġew fl-idejn, u kif jirriżulta mill-filmati tas-surveillance camera bil-konsegwenza li Peter Paul Agius laqqat diversi daqqiet bil-ponn u bis-sieq li ħallewh midrub fl-art.

Il-Qorti ma tqisx li l-aġir tal-imputat kien neċessarju biex jiġi evitat perikolu li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Il-Qorti tqis li l-imputat seta' tbiegħed minn fejn kienet qiegħda sseħħ l-ewwel ġlieda, li skont hu oriġinarjament lanqas biss kienet tirrigwarda lilu. Il-Qorti lanqas ma tqis li jirriżulta li Peter Paul Agius ħoloq xi perikolu li ma setax jiġi evitat bl-ebda mod ieħor mill-imputat, jew li nneċessita illi l-imputat jattakkah b'mod daqshekk salvaġġ, kif jirriżuta mill-filmati. Il-Qorti tqies għalhekk, li f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat ma jistax jinvoka il-leġittima difesa.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ġriehi Sofferti minn Jordan Agius u Peter Paul Agius</u>**

Il-Prosekuzzjoni ressqet varji tobba u speċjalisti li eżaminaw lill-vittmi, fosthom lil Dr Marlene Attard, Dr Franco Mercieca u lil Dr Michael Refalo. Gew ippreżentati rapporti mediċi rigwardanti l-ġrieħi sofferti mill-vittmi. Id-difiża għamlet referenza għal ġlieda li seħħet qabel f'Marsalforn fejn kien involut Jordan Agius. In sostenn ta' dan, id-difiża ppreżentat filmati fejn Jordan Agius jidher jipparteċipa f'rissa, u allegatament jinstema' Peter Paul Agius jinċitah għall-ġlied. Ġie allegat li din il-ġlieda seħħet f'Marsalforn fl-istess lejl ta' bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Awwissu 2020. Jirriżulta però illi l-imputat ma hu jallega ebda konnessjoni bejn din il-ġlieda, u l-ġlieda illi seħħet sbieħ il-Ħadd 2 ta' Awwissu 2020. Mhux jallega illi Jordan u Peter Paul Agius aġixxew biex ipattuha lil xi ħadd. Il-fatt illi jista' jkun illi Jordan Agius u Peter Paul Agius 'jikluha' ġlieda ma jiġġustifika bl-ebda mod l-aggressjoni kommessa mill-imputat fuqhom.

Inoltre, lanqas jista' jiġi argumentat li kien f'din il-ġlieda f'Marsalforn li Jordan Agius sofra l-ġrieħi li issa qed jiġi akkużat li kkaġuna l-imputat f' din il-kawża. Dan qed jingħadd peress li Jordan Agius ikkonferma li huwa ma kellux ġrieħi meta kien qiegħed fil-bar fl-Imġarr, Għawdex. Inoltre, la l-imputat u lanqas l-partner tiegħu ma sostnew fix-xhieda tagħhom li Jordan Agius kellu xi feriti fuq il-persuna tiegħu meta kien ġewwa l-bar Il-Luzzu.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi ghal klassifikazzjoni tal-ġrieħi sofferti minn Peter Paul Agius u Jordan Agius. Il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi ai fini tal-artikoli 216 u 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija kwistjoni ta' natura legali li għandha tiġi determinati mill-Qorti.

F'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004 intqal li:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-naturata' l-offiza"..."*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deċiża fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiża fuq il-persuna:

*"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inkluż l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Apap deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Frar 2018 saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:

"*Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li: Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Issa l-artikoli 216 u 218 fuq imsemmija jipprovdu li:

***216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin***

***-(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;***
***(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***
***(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;***
***(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;***
***(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.***

***(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.***

***218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin***
***-(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;***
***(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***
***(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.***

***(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesupermanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.***

***(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuqil-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.***

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah deċiża fit-2 ta' Dicembru 2024 intqal:

*"Fid-deċiżjoni Il-Pulizija vs Salvinu Vella intqal:*

*17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda millidejn tal-offiz. It test Ingliz juza l-kelma "hands" u dan hu ta' ghajnuna*

*ghad-dibattitu mqanqal millimputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-Notes On Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jghid: "Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body..." (Sottolinear tal-Qorti);*

*18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi ex artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak lisfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).*

*22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, IlPulizija vs Desmond Falzon, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha Il-Pulizija vs Paul Spagnol tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:*

*B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tassentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.*

*19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.*

*20. Fis-sistema legali tagha, l-offiża fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanża żghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenża ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Puliżija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal żi żmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit żmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposiżżjoni. Il-permamenża ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposiżżjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema,tajjeb li ssir referenża ukoll ghas-sentenża ta' din il-Qorti deciża fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet IlPuliżija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenża citata saret refeneża ghal-diversi sentenżi ohra foshom dik Il-Puliżija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:*

*Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkażżjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per eżempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenża (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li lewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"*

*21. Fi kliem iehor, offiża gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, lghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'każ ta' permanenża, dik l-offiża tkun gravissima. Issa jekk l-offiża ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravviżat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).*

*22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiża mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn talkwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenżi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiża hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiża gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiża hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).*

*Fis-sentenża moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, Il-Puliżija vs Emanuel Zammit, deċiża fit-30 ta' Marżu, 1998, intqal:*

*"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenżjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenżjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, żghira kemm hi żghira dik ilhsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenżi kollha li effetivament jirriżultaw bhala konsegwenża diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: "To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.*

*Illi fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo ikompli jgħid hekk:*

*In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu.33 [sottolinejar ta' din il-Qorti].*

*Imbagħad fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Zachary Vella, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x' tagħmel:*

*Illi fl-aħħar aggravju minnu intentat l-appellant jikkontendi illi l-griehi sofferti mill-appellant ma jaqgħux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.*

*L-appellant jigi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiża gravi kif maħsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:*

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*Illi:*

*Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi oħra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiża gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali. Dan l-isfregju jikkonsisti f':*

*B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti talwicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu*

*fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas ilpermanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).”*

Fl-isfond tal-ġurisprudenza enunċjata m’hemmx dubbju li l-imputat għandu jinstab ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni addebitata lilu. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ressqu provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar l-entita’ tal-griehi u cioe’ jekk dawn jammontawx ghal griehi gravvissimi ravvizati fl-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti tispjega li Peter Paul Agius irrizulta li sofra minn ferita’ f’ wiccu u tiċrita fuq l-għajn ix-xellugija forma ta’ L, li skont it-tabib Dr Michael Refalo hija ovvja ħafna, anke minn distanza ta’ aktar minn żewġ metri. Dan jikkostitwixxi sfreġju gravi u permanenti fuq l-apparenza anke viżibbli aktar minn distanza normali meta wieħed qed jitkellem ma’ persuna oħra. Madanakollu, Peter Paul Aguis sostna li huwa kien sofra dawn il-griehi meta ntlaqat b’ daqqa ta’ flixkun mill-imputat. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-filmati ezebiti peress li din il-parti inizjali tal-kollutazzjoni ma tidhirx fl-ebda filmat ezebit. Din il-Qorti tista’ biss isserrah fuq ix-xhieda li ta Peter Paul Agius. Lanqas Jordan Agius ma kien allegatament prezenti f’ dik il-hin ta’ din il-kollutazzjoni partikolari. Din il-Qorti izda ma tistax tnehhi minn go mohha li Peter Paul Agius f’ dak il-hin ta’ l-incident irrizulta li kellu ammont kbir ta’ alkohol fid-demm, li tant kien gholi li t-tabiba li nvistat lil Agius hasset il-bzonn li tissottolinja dan il-fatt. In oltre, l-istess tabiba Dr Marlene Attard sostniet bil-gurament taghha li wara li hija ezaminat lil Peter Paul Agius li kellu bżonn ta’ punti fuq għajnu x-xellugija, fejn saru l-punti, ma nstabux l-ebda traċċi ta’ ħġieġ. In oltre, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Jordan Agius, irrizulta minn Dr Claude Borg li jidhirlu li kien hemm bicciet ta’ hgieg fuq barra tal-ferita, ghalkemm ma nstabux ħġieġ fil-ġewwa tal-widna.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, huwa hawnhekk li ma tressqux bizzejjed provi sabiex din il-Qorti tkun tista’ tasal li tkun konvinta tikkonkludi li kien proprju l-imputat li kkaguna dan l-isfregju permanenti fuq wicc Peter Paul Agius permezz ta’ flixkun u l-griehi f’ widnet Jordan Agius permezz ta’ flixkun. Il-Prosekuzzjoni ressqet ufficjali taghha li addirittura gew mitluba joqoghdu fixed point mal-hgieg li nstab quddiem il-Gleneagles. Madanakollu, din il-Qorti tirribadixxi li fil-post fejn sehh l-incident huwa post ta’ divertiment fejn hemm ammont konsiderevoli ta’ bars li jkunu frekwentati minn kwantita’ ta’ nies sabiex iqattghu ftit sighat ta’ divertiment filwaqt li jiehdu xi xorb alkoholiku. Ghalhekk, mhijiex haga straordinarja li f’ dawk l-akwati jintab hgieg jew fliexken. Gialadarba, tant inhasset il-htiega li sa anke thallew fixed points ma’ dan il-hgieg biex dawn jigu fotografati, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li dan il-hgieg jew fliexken jigu elevati sabiex isirilhom it-testijiet necessarji bil-ghan li jigi identifikat jekk hemmx xi fingerprints fuqhom appartenenti lil imputat jew kienx hemm xi tracci ta’ dmija appartenenti lill-allegati vittmi.

Minn dan ma sar xejn mill-Prosekuzzjoni. Addirittura jekk verament waqt din l-ewwel parti tal-kollutazzjoni, intuzaw fliexken da parti tal-imputat biex dan aggredixxa lil Jordan Agius u lil Peter Paul Agius, kien ikun hemm xi dmija li tidher madwar dawn l-allegati fliexken u hgieg li l-pulizija hadet ritratti taghhom u sa anke qghadet fixed point maghhom. Madanakollu, hadd mill-ufficjali tal-pulizija li ttellghu jixhdu dwar dawn il-fliexken u l-hgieg ma semmew xejn dwar xi dmija.

Fic-cirkostanzi, meta din il-Qorti tqies dan kollu senjalat minnha, ma tqisx li ghandha quddiemha dawk l-elementi kollha li jwassluha ghal dak il-konvinciment morali li kien proprju l-imputat li kkagguna ferita ta' natura gravissima fuq Peter Paul Agius u fuq Jordan Agius bi fliexken. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat huwa hati li kkaguna griehi gravi fuq entrambi Peter Paul Agius u Jordan Agius izda ma tqisx li mill-provi kif imressqa, tista' tasal ghal konkluzzjoni li gie ppruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura gravissima fuq il-vittmi u li l-aggravju taht l-artikolu 217 tal-Kap 9 gie sodisfacentement ippruvat.

In oltre, apparti dan kollu, fir-rigward ta' Jordan Agius, din il-Qorti tqis li l-gerħa kienet relatata mal-widna x-xellugija u ghalhekk lanqas ma tista' tikkwalifika ghal sfregju f' wicc, fl-ghonq jew f' wahda mill-idejn. Il-Qorti tqies li ghalhekk fir-rigward tal-griehi sofferti fuq il-persuna ta' Jordan Agius u ta' Peter Paul Agius ghandu japplika l-artikolu 216(1)(a)(ii) u (iii) u l-artikolu 216(1)(c) minghajr l-aggravju tal-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Dwar it-tielet imputazzjoni,** din il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Jordan Agius li xehed bil-ġurament tiegħu li ra lill-imputat jitfa' l-mobile għall-art għal tliet darbiet. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx li in vista ta' din ix-xhieda, tressqet prova sufficjenti lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li effettivament kien proprju b'din il-manuvra tal-imputat li seħħet ħsara f' dan il-mobile. Din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li dakinhar kienet seħħet ġlieda oħra f' Marsalforn fejn jista' jkun li dan il-mobile kien ġie kkaġunat xi ħsarat. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-prosekuzzjoni kellha mezzi oħrajn biex tipprova l-każ tagħha b'mod aktar konkret. Ma ttiħdux fingerprints fuq il-mobile, li kienu jikkonfermaw jekk l-imputat messx jew le l-istess mobile u provi li qabel ma seħħet din l-allegata manuvra daparti tal-imputat, il-mobile kien għadu fi stat tajjeb u mingħajr ħsarat. Għaldaqstant, in mankanza ta' din il-prova konklussiva, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx provi li jwasslu għal dak il-konvinċiment neċessarju biex din il-Qorti ssib ħtija flimputat u għalhekk f'każ ta' dubbju qiegħda tilliberah mill-akkuża miġjuba kontrih.

**Ikkunsidrat**

**Dwar ir-Raba' Imputazzjoni**, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta spjegat fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Pulizija vs Christopher Abela** deċiża fl-4 t' Ottubru 2016 illi:

> *"...il-Qorti tqis ukoll li tali hsejjes kawżati mill-istess azzjoni tal-imputat fil-hinijiet imsemmij a fl-imputazzjoni kienet ukoll tikkostitwixxi ksur tal-mistrieh tan-nies bi* ***hsejjes, ghajjat jew b' mod iehor.*** *Din hija lokuzzjoni wiesa' hafna li tinkludi facilment fiha hsejjes generati minn daqq ta' muzika li fil-hemda tal-lejl tkun mhux biss aktar facilment tinstema' izda wkoll li tiddisturba l-mistrieh ta' dak li jkun.."*

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Victor Grech** . F'din il-kawża ġie argumentat li għandu japplika l-prinċipju tal-buon viċinat. Intqal fl-aggravju mressqa li l-ġurisprudenza tiddistingwi bejn "nuisance" u "annoyance" u biex ikollok inkonvenjent punibbli kriminalment, irid ikun "nuisance" u jrid ikun "gravi umhux facilment tollerabbli". Irid ikun ukoll "kontinwu w intens". Il-Qorti tal-Appell spjegat:

> *'Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatti rizultanti jaqghu pjenament taht id-dispozizzjoni kontravvenzjonali tal-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali li tghid li hu hati ta' kontravvenzjoni min " bil-lejl, jikser il-mistrieh tannies bi hsejjes jew ghajjat jew b' mod iehor".*
> *Certament li jekk detentur ta' ziemel ihallih ihokk, jobrox jew ihabbat ma hajt divizorju li warajh jew fuqu jghixu in-nies ma tul il-lejl, dan jaqa' taht din ilkontravvenzjoni. Terga' u tghid li rrizulta li dan hu kaz ta' nuisance, kontinwu, gravi w mhux facilment tollerabli, ghax ma jhallix il-vicini jistriehu fil-hin talmistrieh legittimu taghhom.*
> *Illi l-buon vicinat li qed jinvoka l-appellant l-ewwel ma japplika hu ghalih billi hu z-ziemel tieghu li qed jiddisturba l-kwiet ta' bil-lejl li l-kwerelanti ghandhom dritt ghalih go darhom.*
> *Ghalhekk din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravji li huma relatati mas-sejbien ta' htija."*

Din il-kawża titratta ġlied bejn l-imputat u Jordan u Peter Paul Agius li seħħ fis-sigħat bikrin tal-Ħadd 2 ta' Awwissu 2020 f'post pubbliku ta' divertiment u frekwentat minn ħafna nies. Madanakollu, ma tressqet l-ebda prova li kagun ta' din il-ġlieda, inkiser il-mistrieħ ta' nies b'għajjat. Addirittura fejn seħ l-akkadut huwa post ta' divertiment fejn ikun hemm storbju u attività ekonomika kbira.

**Ikkunsidrat**

**Dwar il-ħames imputazzjoni dwar ir-reċidività**, fl-atti ta' din il-kawża ġiet eżebita sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala

Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 22 ta' Diċembru 2019. Mis-sentenza eżebita jirriżulta li l-konnotati indikati f'dik is-sentenza huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern.

L-imputat odjern kien skonta piena ta' sitt xhur u għadu qiegħed iħallas multa ta' elf ewro (€1000) imposta mill-Qorti Kriminali.

Kif tajjeb irrimarka l-avukat tal-intimat, għalkemm il-prosekuzzjoni eżebiet kopja tas-sentenza fejn l-imputat ġie kkundannat għal priġunerija, u ħlas ta' multa, ebda prova ma tressqet li s-sentenza ġiet skontata, u li l-multa tħallset. Għaldaqstant, in linea mal-ġurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, l-imputat fil-każ odjern ma jistax jinstab ħati tal-akkuża tar-reċidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-imputat se jinsab li huwa reċediv biss a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u kwindi ma tittiħidx in kunsiderazzjoni ai fini ta' żieda fil-piena l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment, dwar il-piena, din il-Qorti ma tqisx li ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva. Tqies izda li l-imputat ghandu problemi kbar ta' anger management u ghalhekk sejra tordna l-hrug ta' probation order kif ukoll ta' treatment order sabiex l-imputat jigi meghjun jeghleb id-diffikultajiet li ghandu.

## DECIDE

Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli 17(b), 214, 215, 216(1)(a)(ii) u(iii), 216(1)(c) u 49 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu in kwantu kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Jordan Agius u ta' Peter Paul Agius u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt **ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment b'dana li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qiegħda wkoll tqiegħed lil ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal perjodu ta' tliet snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-għan li l-istess ħati jingħata għajnuna professjonali sabiex jindirizza l-problema ta' anger management li għandu u kwalsiasi diffikultajiet oħra li qed jirriskontra bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Trattament hawn anness, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mattermini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

Qed ai termini tal-artikolu 382A u l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ ordni tat-trażżin kontra l-ħati fir-rigward ta' Jordan Agius u Peter Paul Agius għal żmien sentejn u ai termini tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qed tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' seba' mija u sitta u ħamisn ewro u erbgħa u sittin ċentenżmu (€756.64ċ) lill-istess Registratur tal-Qorti, liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**